DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 145/2022

tad-29 ta' April 2022

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1589]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u d-Direttiva 98/26/KE ([1]) kif rettifikata permezz tal-ĠU L 283, 31.8.2020, p. 2 għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 16b (id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32019 L 0879**: Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296), kif rettifikata permezz tal-ĠU L 283, 31.8.2020, p. 2."

Artikolu 2

Il-punt 19b (id-Direttiva 2014/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

   "- **32019 L 0879**: Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296), kif rettifikata permezz tal-ĠU L 283, 31.8.2020, p. 2."

2. L-adattamenti minn (e) sa (j) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti minn (h) sa (m).

3. L-adattamenti li ġejjin jiżdiedu wara l-addattament (d):

   "(e) Fl-Artikolu 44a(7), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem '28 ta' Diċembru 2020' għandu jsir 'mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022'.

   (f) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Artikolu 45i(3) għandu japplika mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022 jew, jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat tal-EFTA tkun stabbiliet skadenza għall-konformità li tintemm aktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni, minn dik l-iskadenza għall-konformità.

   (g) Fl-Artikolu 45m, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

      (i) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem '1 ta' Jannar 2024' għandu jsir 'mhux aktar tard minn 36 xahar wara wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022';

      (ii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem 'fl-1 ta' Jannar 2022' għandu jsir 'mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022';

([1]) ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296.

(iii) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem 'wara l-1 ta' Jannar 2024' għandu jsir 'aktar minn 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022';

(iv) fil-paragrafu 2, il-kliem '1 ta' Jannar 2022' għandu jsir 'mhux aktar minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2022 tad-29 ta' April 2022'."

Artikolu 3

It-test tad-Direttiva (UE) 2019/879, kif rettifikata permezz tal-ĠU L 283, 31.8.2020, p. 2, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' April 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.